# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 15 ta' Ottubru 2001**

**Avviz. numru 1153/00**

**Numru 29**

**Lada Motors Limited**

**vs**

**Raymond Borg u Catherine Borg in solidum**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema is-socjeta attrici talbet li l-konvenuti "in solidum" jigu kundannati ihallsu is-somma ta' Lm911.40,0 (disa' mija u hdax il-lira Maltin u erbghin centezmu) import ta' kambjali mill-konvenuti accettati u ffirmati, kopji ta' liema kambjali jinsabu annessi mal-avviz u mmarkati Dok 1 sa Dok 16, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante li l-konvenuti gew nterpellati sabiex jhallsu.

Bl-imghaxijiet mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittri ufficjali kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni.

Rat l-annessi kambjalijiet markati Dok 1 sa 16 (fol 2 sa 17 tal-atti).

Semghet lill-istess konvenut jammetti t-talbiet kollha attrici anke f'isem martu Catherine Borg u dan skond kif risultanti mill-verbal tas-seduta tallum stess.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa t-talbiet tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenuti "in solidum" bejniethom sabiex jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm911.40,0 bl-imghaxijiet mid-data ta' skadenza ta' kull kambjala esebita in atti sad-data tal-pagment effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali msemmija fl-avviz in esami.

Alan Calleja
Dep.Reg